KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

*Kap tal-Oppożizzjoni* *Leader of the Opposition*

29 ta' Jannar, 2026

L-Onor. Robert Abela
Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja,
Il-Belt Valletta

Għażiż Dottor Abela

Nikteb b'referenza għall-ittra tiegħek li rċevejt ilbieraħ waranofsinhar.

L-importanza tal-kariga ta' Prim Imħallef u l-provvedimenti partikolari tal-Kostituzzjoni għall-għażla tal-istess jeħtieġu illi tali ħatra ssir bi ftehim bejn Gvern u Oppożizzjoni.

Għaldaqstant nesprimi d-diżappunt tiegħi illi, wara li kien miftiehem bejnietna illi b'rispett għall-proċess, kull skambju jibqa' kunfidenzjali sakemm jintlaħaq ftehim, inti għażilt li tippubblika isem partikolari ta' ġudikant prattikanti meta kont konxju li kien għadu ma ntlaħaqx tali ftehim.

Nistqarr ukoll illi r-raġuni li inti tajtni fil-laqgħa li kellna, lil hinn mill-isem indikat, ma tista' qatt tkun kriterju tajjeb għal din l-għażla.

Dan huwa aġir li żgur mhux fl-interess nazzjonali u ma jirrispettax l-ispirtu tal-provvedimenti kostituzzjonali għal għażla daqshekk importanti.

Għalhekk, wara laqgħa tal-Grupp Parlamentari tal-Oppozizzjoni u bl-approvazzjoni unanima tal-istess, dejjem fl-interess nazzjonali, ngħarrfek illi jien dispost li llum stess niltaqa' miegħek sabiex inkomplu d-diskussjonijiet.

Inselli għalik,

**Alex Borg**
Kap tal-Oppożizzjoni